# Heritage Malta tislef żewġ pitturi għal wirja ta' xogħlijiet ta' Esprit Barthet

**Stqarrija | 24 ta' Marzu 2023**

Żewġ pitturi ta' Esprit Barthet (1919 – 1999) li jiffurmaw parti mill-kollezzjoni nazzjonali ġew mislufa minn Heritage Malta biex ikunu esebiti fil-wirja *Esprit Barthet – A Life of Colour*, li tlaqqa' flimkien diversi xogħlijiet importanti ta' dan l-artist Malti ewlieni tas-seklu 20.

Il-pitturi huma *Marì tal-Bajd* mill-kollezzjoni ta' MUŻA, u *The Bathers* li soltu tkun esebita fil-Palazz tal-Girgenti. Huma se jkunu għall-wiri mis-26 ta' Marzu sat-28 ta' Mejju fil-mużew Il-Ħaġar f'Għawdex, fejn se tkun qed tittella' din il-wirja retrospettiva li tagħti l-opportunità lill-viżitaturi jaraw is-sensiela famuża tar-'rooftops' ta' Barthet kif ukoll bosta ritratti li pitter u stili oħra li esperimenta bihom matul il-karriera tiegħu.

*Marì tal-Bajd* inħolqot mill-artist fl-1964 u hi meqjusa minn ħafna nies, fosthom Barthet innifsu, bħala l-aqwa biċċa xogħol tal-artist. Fix-xena lokali tal-pittura tar-ritratti fis-seklu 20 għandha rwol importanti għax timmarka mod ġdid kif wieħed beda jħares lejn dan il-qasam tal-arti f'pajjiżna. Bħala wieħed mill-ftit xogħlijiet mhux kummissjonati ta' Barthet, dan ir-ritratt huwa inqas formali u aktar espressiv.

L-iżjed aspett li jispikka f'dan ix-xogħol fuq it-tila huwa l-pożizzjoni tal-persuna b'fattizzi sodi li qed tħares dritt lejn min qed ipittirha u li kienet il-mara li mingħandha l-familja ta' Barthet kienet tixtri l-bajd u l-ħaxix fix-Xemxija.

*The Bathers*, li l-artist pittirha fl-1968, hija waħda minn sensiela ta' pitturi li Barthet ipproduċa wara l-esperimentazzjoni tiegħu bir-'rooftops'. F'din is-sensiela, Barthet qiegħed ħafna ċangaturi mlewnin fuq figuri umani. Biex ħoloq l-effett mixtieq, huwa uża t-teknika magħrufa bħala 'impasto'. Is-suġġett tal-pittura jista' jkun il-figuri femminili għerjin jew inkella ċ-ċangaturi ta' kull lewn.

Tul il-karriera tiegħu, Esprit Barthet ħadem b'metodu ta' sensiliet, fejn kien jesperimenta bi stili differenti wara xulxin. Huwa kellu sehem essenzjali fl-iżvilupp tal-arti moderna f'Malta u influwenza lil bosta artisti żgħażagħ Maltin. *Esprit Barthet – A Life of Colour* issegwi l-fażijiet ewlenin tal-karriera tiegħu, anke b'eżempji minn kollezzjonijiet li normalment mhumiex aċċessibbli faċilment.

+356 2295 4000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta